MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-23 ta' Frar, 2015

Numru. 1129/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Busuttil)**

**Vs**

**Hakki Cosgun**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Seduta tat-Tnejn 23 ta' Frar, 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Hakki Cosgun mwieled fil-15 ta' Marzu 1973 fit-Turkija u detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija bin-numru 34391A u residenti 18, My Rest, Flat 1A, Triq is-Sajjied, San Pawl il-Bahar, Malta talli f'dawn il-Gzejjer fit-12 ta' Novembru 2013 u fix-xhur ta' qabel, minn gol-hanut Mr. Kebab, li jinsab fi triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar, Malta:

1. Ikkommetta serq ta' flus kontanti, ghad-dannu ta' Leo Gove ID: 216781M u/jew persuni ohra li jeccedu il-€232.74 u dan aggravate bil-valur, persuna u bil-hin.

2. Aktar talli laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwista b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement b'kull mod li hu ndahal biex ibighhom jew imexxihom.

U akkuzat aktar talli f'dawn il-Gzejjer gol-hanut Mr Kebab, li jinsab fi triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar, Malta nhar it-12 ta' Novembru 2013 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m’ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat li fis-seduta tallum l-imputat irregistra ammissjoni u li huwa kkonferma l-ammissjoni tieghu wara li inghata l-opportunita’ li jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfacjentement ippruvati.

Illi t-tieni  imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel darba.

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qieghed jinstab hati l-imputat, l-ammissjoni tieghu, il-fedina penali tieghu li hija wahda netta u l-fatt li ttransiga l-pendenzi mal-parti leza. Ghaldaqstant piena karcerarja mhix wahda idonea.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 18, 20, 261(c)(d)(f), 267, 268(d), 270, 279(a) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontrih u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------